Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 20 ta' Marzu 2024**

**Il-Pulizija**
**Spettur Clayton Camilleri**
**Spettur Andrew Agius Bonello**

**Versus**

**Francois Micallef**
**(293784M)**
**u**
**Sarah Micallef**
**(467498M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Francois Micallef**, detentur tal-karta tal-identita' numru 293784M;

u kontra **Sarah Micallef** ta' 25 sena, detentrici tal-karta tal-identita' numru 467498M;

1. Akkuzati talli nhar il-25 ta' Lulju 2023 f'xi hin bejn is-siegha ta' wara nofsinhar (13:00) u t-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs), gewwa Smart Supermarket, Triq in-Naxxar, Birkirkara kkommettew serq ta' oggetti li sar ghad-dannu ta' Mark Elroy Ciantar u/jew ta' xi persuna/i ohra, u/jew entita/jiet ohra;

Lil Francois Micallef wahdu :

2. U aktar talli nhar l-20 ta' Lulju 2023, gewwa Smart Supermarket, Triq in-Naxxar, Birkirkara kkommetta serq ta' oggetti, li sar ghad-dannu ta' Mark Elroy Ciantar u/jew ta' xi persuna/i ohra, u jew entita/jiet ohra;

3. U aktar talli nhar l-20 ta' Lulju 2023, gewwa Smart Supermarket, Triq in-Naxxar, Birkirkara volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq il-kaxxi tas-sigurta', liema hsara teccedi t-tlieta u ghoxrin euro u disgha w ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma teccedix il-mitejn u hamsin Euro (€250);

4. U aktar talli nhar l-14 ta' Lulju 2023 f'xi hin bejn is-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) u l-erbgha ta' wara nofsinhar (16:00hrs), gewwa Triq is-Santwarju, Birkirkara, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mark Darmanin hekk skont ma gie ccertifikat minn Dr. Gabrielle Baldacchino M.D. (Reg. No: 4544) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta, u/jew b'diversi tobba ohra;

5. U aktar talli nhar l-14 ta' Lulju 2023 f'xi hin bejn is-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) u l-erbgha ta' wara nofsinhar (16:00hrs), gewwa Triq is-Santwarju, Birkirkara, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Luke Darmanin hekk skont ma gie ccertifikat minn Dr Ylenia Zammit M.D.(Reg. No: 4631) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta, u/jew diversi tobba ohra;

6. U aktar talli nhar l-20 ta' Lulju 2023 naqas minn li jattendi f'ghassa wara li nghata avviz mill-pulizija sabiex jaghmel dan;

7. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta b'sentenzi definittivi u li ma jistghux jigu mibdula;

8. U finalment talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta reat ta' natura volontarja li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' ordni ta' probation, ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, imposta fuqu b'sentenza datata 3 ta' Marzu 2023, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr N. Galea Sciberras LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-

ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif stabbilit fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex tohrog ordni ta' distruzzjoni tal-kelb u dan ghas-spejjez ta' sid jew detentur tal-imsemmi kelb skont l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 312 tal-Att dwar il-Klieb.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati, debitament assistiti mill-konsulent legali taghhom tennew li huma hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi l-imputati regghu tennew ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputati hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, fil-konfront ta' **Sarah Micallef wahedha** wara li rat Artikolu 7, 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil **imputata Sarah Micallef hatja ta' l- ewwel (1) akkuza migjuba kontriha u** u qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma' twettaqx reat iehor fi zmien **tlett (3) snin millum** ai termini tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

u fir-rigward ta' **Francois Micallef wahdu,** il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 49, 50, 226(1)(c), 284, 285, 289, 325(1)(c) u 355AD(3)(4)(5) tal-Kapitolu 9 kif ukoll Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil **imputat Francois Micallef hati ta' l-akkuzi bin-numru wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5), sitta (6), sebgha (7) u tmienja (8) u qed tikkundannah ghal tnax-il xahar (12) prigunerija effettiva.**

**Illi rigward il-piena tal-hati Francois Micallef il-Qorti rat illi l-hati inghata diversi opportunitajiet fejn tpogga fuq Ordni ta' Probation u cioe' mhux inqas minn tlett darbiet, skond il-Fedina Penali tieghu, pero' l-hati jidher illi skarta dawn l-opportunitajiet u kompla jwettaq diversi reati waqt li kien fuq Probation Order.**

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputati fil-kaz odjern.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**